TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' April, 2025**

**Talba Nru: CCT8/25/DS**

**Carmel Zarb**

**Vs**

**Forestals Appliances Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta'Jannar, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€498) f'rriżarċiment għal magna tal-ħasil illi waqfet taħdem meta kienet għadha taħt il-garanzija;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fis-7 ta' Frar, 2025;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat illi oriġinarjament hija kienet offriet *credit note* sabiex l-attur ikun jista' jagħżel prodott ieħor mix-*showroom*

tagħhha pero' l-attur prefera li jiġi rifiż. F'dan l-istadju s-soċjeta' intimata qiegħda toffri riżarċiment għall-valur tal-magna tal-ħasil pero' fil-valur tagħha preżenti, b'deprezzament adegwat wara erba' (4) snin.

Illi jidher ċar illi s-soċjeta' intimata mhux qiegħda tirribatti l-fatt illi l-magna tal-ħasil illi ma baqgħatx taħdem kienet taħt garanzija u li l-attur għandu dritt illi jieħu xi forma ta' kumpens u dan għaliex kienet hi stess illi offriet credit note għall-ammont sħiħ meta ma setgħatx toffri magna tal-ħasil eżatti bħal ma kellu r-rikorrenti.

Illi għal din ir-raġuni dan it-Tribunal ser jiffoka biss fuq il-fatt illi, minn naħa l-waħda, ngħatat opportunita' lir-rikorrenti li jingħata *credit note* u din ma ġietx aċċettata u li llum fir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti hemm il-predispożizzjoni tal-istess soċjeta' illi jingħata riżarċiment kontanti pero' mhux fl-ammont rikjest u minn naħa l-oħra t-talba rikorrenti għall-flus fl-ammont kontanti ta' erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€498).

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jirritjeni illi ġaladarba s-soċjeta' intimata kkonċediet illi tagħti credit note, dan kien ifisser illi hija kkonċediet ukoll illi l-attur kellu raġun jirrexindi l-kuntratt minħabba l-ħsara li ġġarbet waqt il-perjodu tal-garanzija u għaldaqstant kellu dritt ukoll illi jiġi pjenement riżarċit mingħajr ma jkun limitat mingħand min jagħmel l-għażla għax-xiri tal-prodott illi xtaq jixtri wara.

Illi dan it-Tribunal jħoss illi l-konsumatur m'għandux ibgħati l-konsekwenza ta' tnaqqis mill-ammont minħabba xi nuqqas fil-valur minħabba t-trapass taż-żmien għaliex dan it-trapass taż-żmien huwa biss konsekwenza tal-ħlas illi ma sarx fil-ħin minn naħa tas-soċjeta' intimata stess.

Illi jekk xejn huwa l-attur illi sofra inkonvenjent f'dan iż-żmien kollu u dan mhux ser jgħaddi inosservat minn dan it-Tribunal.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€498) lill-attur kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu. L-attur għandu jirritorna l-magna tal-ħasil lis-soċjeta' intimata b'dana illi l-partijiet għandhom jiftehmu dwar data u ħin konvenjenti għall-attur sabiex is-soċjeta' intiamta tieħu lura l-prodott a spejjeż tagħha. Jekk ma jsirux l-arranġamenti meħtieġa fi żmien gimgħatejn minn mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, fuq nuqqas tas-soċjeta' attriċi, hija titqies illi m'għandhiex l-intenzjoni li tirkupra l-prodott u l-attur jista' jiddisponi minnu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**